MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Numru 505/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs.**

**Hamdi Habib Mohammed Shedi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Hamdi Habib Mohammed Shedi**, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, bin Hamdi u Fatima xebba Garsi imwieled it-Tunezija nhar il-11 ta' April 1986, liema ma ghandux residenza fissa u detentur ta' Karta ta' l-Identita' bin-Numru 061180A, akkuzat talli f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer bejn it-3 ta' Mejju 2013 u l-24 ta' Mejju 2013, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioé talli:

1. gewwa residenza 237 ‘Cactus Grove’, Triq Imhallef William Harding, Pembroke, nhar l-03 ta’ Mejju 2013, ghal habta tad-02:00 ta’ filghodu, ikkommetta serq minn go residenza ta’ ‘laptop’ ta’ ghamla ‘Acer’ lewn kannella u b’valur ta’ 600 Euro, liema serq ma jeccedix l-elfejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centenzu u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta’ Maxim Mengi, detentur ta’ passaport Kazhakistan bin-numru: N 07511971;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. gewwa residenza 237 ‘Cactus Grove’, Triq Imhallef William Harding, Pembroke, nhar it-12 ta’ Mejju 2013, ghal habta tad-02:00 ta’ filghodu, ikkommetta serq minn go residenza ta’ diversi oggetti u cioe’ ‘haversack’ ta’ ghamla ‘Eastpack’ valur mhux maghruf, ‘laptop’ ta’ ghamla ‘Acer’ lewn iswed u b’valur ta’ 600Euro, portmoni ta’ kulur iswed bl-abjad ta’ ghamla ‘Hello Kitty’ valur mhux maghruf, prodotti kosmetici u kif ukoll ammont ta’ 100 Euro mhux maghruf ta’ deheb, liema serq ma jeccedix l-elfejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta’ Vanina Marie Francoise Sevault detentrici ta’ Passaport Francis u kif ukoll ghad-detriment ta’ Maxime Daniel L.R. Bernard Choquet detentur ta’ Passaport Franciz bin-numru; 120406102973;

4. gewwa Pembroke nhar l-24 ta’ Mejju 2013 ghal habta ta’ 01:30 ta’ filghodu, b’atti esterni ta’ bidu ghal ezekuzzjoni tad-delitt u cioe’ serq minn go l-imsemmija residenza ta’ diversi oggetti, liema reat ma sehhx minhabba xi haga involontarja u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, u li sar ghad-detriment ta’ Alexander Calleja, detentur ta’ Karta ta’ l-Identita’bin-numru 0347860M;

5. gewwa Pembroke fil-lejl ta’ bejn is-17 u t-18 ta’ Mejju 2013 ghal habta ta’ bejn it-tlieta u l-erbgha ta’

filghodu, harab mill-kustodja tal-Pulizija u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. irrenda ruhu recediv b’diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistghux jinbidlu (Artikoli 49, 50 u 289 Kapitolu 9).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li, waqt is-seduta tallum, wara li saret korrezzjoni fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, l-Ufficjali Prosekuturi regghu pprezentaw, qraw u kkonfermaw bil-gurament l-akkuzi u li rega’ sar l-ezami (minghajr gurament) tal-imputat.

Rat li, waqt is-seduta tallum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lill-Ufficjal Prosekuturi jiddikjaraw li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat hija alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi minkejja li meta nqraw l-akkuzi l-ewwel darba, cioé fil-25 ta’ Mejju 2013, l-imputat ma kienx irregistra ammissjoni, pero ladarba l-akkuzi regghu nqraw fis-seduta tal-lum, l-imputat seta’ jipprevalixxi ruhu minn dak li jiddisponi Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi, *di fatti*¸ f'decizjoni moghtija fis-26 ta' Ottubru 2011 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton Vassallo** (Appell Kriminali Numru 324/2011), il-Qorti qalet hekk: *"Fil-kaz in ezami, nonostante illi meta l-appellat tressaq inizjalment fl-24 ta' Gunju 2011 iddikjara ruhu mhux hati, fis-6 ta' Lulju 2011, in vista taz-zieda fl-imputazzjonijiet, il-proceduri bdew mill-gdid u galadarba dakinhar sar l-ezami bla gurament mill-gdid ta' l-appellat, huwa seta' jipprevalixxi ruhu minn dak li jiddisponi l-Artikolu 392A imsemmi"*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt li l-imputat huwa recediv taht Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll il-fatt li l-imputat huwa dispost li jsegwi program minhabba d-dipendenza tieghu fuq id-droga.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, in segwitu tad-dikjarazzjoni tal-Ufficjali Prosekuturi li t-tieni (2) imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni, u wara li rat Artikoli 18, 41(1)(a), 49, 50, 151, 261(b), 261(c), 261(e), 261(f), 263(a), 267, 269(g), 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti f'dawn il-proceduri stante li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat Hamdi Habib Mohammed Shedi jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikun jista' jibda, isegwi u jispicca programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------